



2025/2143

24.10.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2143

tat-23 ta' Ottubru 2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2015/340 fir-rigward tal-introduzzjoni tat-taħriġ u l-valutazzjoni bbażati fuq il-kompetenza u tat-taħriġ virtwali tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(1), il-punti (b) u (c), u l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340⁽²⁾ jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikati u mal-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.
- (2) Il-flessibilità u d-disponibilità limitati tar-riżorsi tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru fl-Unjoni jirrestrinġu l-kapaċità tas-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru ("ATM", Air Traffic Management). Għalhekk, huma meħtieġa adattamenti fil-qafas regolatorju dwar il-ħruġ tal-liċenzji u l-kwalifiki tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.
- (3) Biex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru f'termini ta' persunal kwalifikat u disponibbli, il-livell ta' kompetenza meħtieġ stabbilit fir-Regolament (UE) 2015/340 jenħtieġ li jiġi ssimplifikat ulterjorment sabiex jiġi żgurat li l-metodoloġija u s-sillabi tat-taħriġ applikati jiżguraw eżiti ta' taħriġ komuni u b'hekk jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-ħtiġijiet operazzjonali.
- (4) Biex jiffaċilita eżiti ta' taħriġ issimplifikati, il-qafas regolatorju għat-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru fl-Unjoni jenħtieġ li jissaħħaħ billi jiġu stabbiliti l-istandards ta' prestazzjoni meħtieġa bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' taħriġ u valutazzjoni bbażati fuq il-kompetenza ("CBTA", Competence-Based Training and Assessment), li huwa wkoll il-perkors ippreferut tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation Organization) għall-ħruġ tal-liċenzji tal-persunal kollu tal-avjazzjoni.
- (5) Biex tikkontribwixxi aħjar għall-applikazzjoni tal-metodoloġija CBTA għat-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, jenħtieġ li tiġi stabbilita l-metodoloġija tas-CBTA li tistabbilixxi l-istandards ta' prestazzjoni li għandhom jiġu sodisfati mill-għalliema u mill-assessuri, billi jiġu applikati l-istess prinċipji tas-CBTA.
- (6) Abbażi tal-esperjenza li nkisbet matul il-pandemija tal-COVID-19, il-virtwalizzazzjoni tat-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru tista' tkun vantaġġuża. Bit-taħriġ virtwali, is-separazzjoni ġeografika tal-istudenti, tal-għalliema u tal-assessuri jenħtieġ li ma toħloqx limitazzjoni għall-faċilitazzjoni tat-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.
- (7) Biex il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jkunu jistgħu jadattaw, rispettivament, l-iskemi ta' kompetenza tal-unità tagħhom u l-pjanijiet ta' taħriġ u l-korsijiet ta' taħriġ tagħhom, id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita.

⁽¹⁾ ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 tal-20 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikati u l-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011 (ĠU L 63, 6.3.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/340/oj>).

- (8) Sabiex tiġi evitata d-diskontinwità fil-proċess ta' taħriġ, jenħtieġ li ċ-ċertifikati ta' tlestija ta' ċerti korsijiet li bdew qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jiġu aċċettati għall-finijiet tal-ħruġ, ir-rivalidazzjoni jew it-tiġdid tal-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet rilevanti, diment li t-taħriġ u l-valutazzjoni jkunu tlestew sat-30 ta' Ġunju 2029.
- (9) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2015/340 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2015/340 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-frażi introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“Minbarra d-definizzjonijiet fir-Regolament (UE) 2018/1139, għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin”;
 - (b) jiddaħħal il-punt (2a) li ġej:

“(2a) ‘mudell ta’ kompetenza adattat’ tfisser ġabra ta’ kompetenzi bid-deskrizzjoni u bil-kriterji ta’ prestazzjoni assoċjati tagħhom, adattata minn qafas ta’ kompetenza tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) li organizzazzjoni tuża biex tiżviluppa taħriġ u valutazzjoni bbażati fuq il-kompetenza għal rwol partikolari”;
 - (c) il-punti (6) u (7) huma sostitwiti b'dan li ġej:
 - (6) ‘valutazzjoni’ tfisser proċess biex jiġi determinat jekk persuna tissodisfax livell ta’ prestazzjoni meħtieġ f'kundizzjonijiet partikolari, billi tinġabar evidenza minn imġibiet osservabbli;
 - (7) ‘approvazzjoni ta’ assessur’ tfisser l-awtorizzazzjoni mdaħħla fuq il-liċenzja u li tiffirma parti minnha, li tindika l-kompetenza tad-detentur li jivvaluta l-ħiliet prattiċi għall-fini tal-ħruġ tal-liċenzja, tal-klassifikazzjoni jew tal-approvazzjoni(jiet) u tar-rivalidazzjoni jew tat-tiġdid tagħha”;
 - (d) il-punt (7b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“rapport nazzjonali ta’ konverżjoni’ tfisser rapport li abbażi tiegħu, taħriġ minn qabel mill-kontrollur tat-traffiku tal-ajru militari jista’ jingħata kreditu mill-awtorità kompetenti li lilha tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-ħruġ ta’ liċenzja ta’ student kontrollur tat-traffiku tal-ajru”;
 - (e) jiddaħħlu l-punti (7c) sa (7f) li ġejjin:
 - (7c) ‘kompetenza’ tfisser dimensjoni tal-prestazzjoni umana li tintuża biex wieħed ibassar b'mod affidabbli l-prestazzjoni b'suċċess fuq ix-xogħol, u li tintwera u tiġi osservata minn imġibiet li jimmobilizzaw l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet rilevanti biex jitwettqu attivitajiet jew kompiti f'kundizzjonijiet speċifikati;
 - (7d) ‘taħriġ u valutazzjoni bbażati fuq il-kompetenza’ tfisser taħriġ u valutazzjoni li huma kkaratterizzati minn orjentazzjoni tal-prestazzjoni, enfażi fuq l-istandards tal-prestazzjoni u l-kejl tagħhom, u l-iżvilupp ta’ taħriġ u valutazzjoni skont l-istandards ta’ prestazzjoni speċifikati;
 - (7e) ‘standard ta’ kompetenza’ tfisser livell ta’ prestazzjoni li huwa ddefinit bħala aċċettabbli biex juri li tkun inkisbet kompetenza speċifika;
 - (7f) ‘kundizzjonijiet’ tfisser kwalunkwe ħaġa, fil-kuntest ta’ taħriġ u valutazzjoni bbażati fuq il-kompetenza (CBTA, competency-based training and assessment), li tista’ tikkwalifika ambjent speċifiku li fih se tintwera l-prestazzjoni”;

- (f) jiddaħħal il-punt (14b) li ġej:
- “(14b) ‘imġiba osservabbli (OB, observable behaviour)’ tfisser imġiba waħda relatata mar-rwol li tista’ tiġi osservata u li tista’ jew ma tistax titkejjel”;
- (g) il-punt (15) huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “(15) ‘struzzjoni ta’ taħriġ fuq ix-xogħol’ tfisser il-fażi ta’ taħriġ ta’ unità li matulha, kompetenzi relatati mal-impjeg miksuba preċedentement jiġu integrati fil-prattika taħt is-superviżjoni ta’ għalliem tat-taħriġ fuq ix-xogħol ikkwalifikat f’sitwazzjoni ta’ traffiku dak il-ħin stess”;
- (h) il-punt (18) huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “(18) ‘kriterji ta’ prestazzjoni’ tfisser kriterji li jikkonsistu f’imġiba osservabbli, kundizzjoni waħda jew aktar u standard ta’ kompetenza, u li jintużaw biex jiġi vvalutat jekk il-livelli ta’ prestazzjoni meħtieġa ntwerewx għal kompetenza”;
- (i) jiddaħħal il-punt (21a) li ġej:
- “(21a) ‘apprendiment mill-bogħod’ tfisser sitwazzjonijiet ta’ taħriġ li fihom l-għalliema u l-istudenti jkunu fiżikament separati u jinteraġixxu b’mod sinkroniku jew mhux sinkroniku u li fihom l-informazzjoni tipikament tiġi trażmessa permezz ta’ mezzi teknoloġiċi”;
- (j) il-punti (22) u (23) huma sostitwiti b’dawn li ġejjin:
- “(22) ‘tiġdid’ tfisser l-att amministrattiv meħud wara li tkun skadiet approvazzjoni jew ikun skada ċertifikat li jġedded il-privileġġi tal-approvazzjoni jew iċ-ċertifikat għal perjodu speċifikat ulterjuri soġġett għas-sodisfar ta’ rekwiżiti speċifikati;
- (23) ‘rivalidazzjoni’ tfisser l-att amministrattiv meħud fi ħdan il-perjodu ta’ validità ta’ approvazzjoni jew ċertifikat li jippermetti lid-detentur ikompli jeżerċita l-privileġġi ta’ approvazzjoni jew ta’ ċertifikat għal perjodu speċifikat ulterjuri soġġett għas-sodisfar ta’ rekwiżiti speċifikati”;
- (k) jiżdied il-punt (32) li ġej:
- “(32) ‘klassi virtwali’ tfisser ambjent virtwali adattat għall-proċess ta’ apprendiment mill-bogħod u li ma jeħtieġx post fiżiku, li fih isir apprendiment sinkroniku”;
- (2) fl-Artikolu 6(2), il-frażi introduttorja hija sostitwita b’dan li ġej:
- “2. Għall-finijiet tal-Anness III u għas-sorveljanza tar-rekwiżiti tal-Anness I fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi ta’ navigazzjoni bl-ajru, l-awtorità kompetenti għandha tkun”;
- (3) L-Anness I (il-PARTI ATCO) huwa emendat f’konformità mal-Anness I ta’ dan ir-Regolament;
- (4) L-Anness II (il-PARTI ATCO.AR) huwa emendat f’konformità mal-Anness II ta’ dan ir-Regolament;
- (5) L-Anness III (il-PARTI ATCO.OR) huwa emendat f’konformità mal-Anness III ta’ dan ir-Regolament;

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Iċ-ċertifikati tat-tlestija ta’ taħriġ imsemmija fis-Sottoparti D, is-sezzjoni 2 tal-Anness I (il-Parti ATCO) tar-Regolament (UE) 2015/340, li bdew qabel l-1 ta’ Jannar 2029, għandhom jiġu aċċettati għall-finijiet tal-ħruġ, tar-rivalidazzjoni jew tat-tiġdid tal-liċenzji, tal-klassifikazzjonijiet u tal-approvazzjonijiet rilevanti f’konformità mar-Regolament (UE) 2015/340 kif emendat b’dan ir-Regolament, diment li t-taħriġ u l-valutazzjoni jkunu tlestew sat-30 ta’ Ġunju 2029.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2029.

Madankollu, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw mit-13 ta' Mejju 2026:

- (a) l-Artikolu 1, il-punt (1)(d), (i) u (k);
- (b) il-punt (2)(e) tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, sa fejn huwa kkonċernat il-punt ATCO.B.025(a)(1) u (a)(3) tal-Anness I (il-PARTI ATCO) tar-Regolament (UE) 2015/340;
- (c) il-punt ATCO.C.005 tal-Anness I (il-PARTI ATCO) tar-Regolament (UE) 2015/340;
- (d) il-punt (2) tal-Anness III.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

L-Anness I (il-PARTI ATCO) tar-Regolament (UE) 2015/340 huwa emendat kif ġej:

(1) fis-Sottoparti A, il-punt ATCO.A.015, il-punti (c) sa (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

- “(c) Id-detenturi tal-liċenzji ma għandhomx jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja tagħhom meta jkollhom dubji dwar jekk jistgħux jeżerċitaw b'mod sikur il-privileġġi tal-liċenzja u f'każijiet bħal dawn għandhom jinnotifikaw immedjatament lill-fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru rilevanti dwar l-inabbiltà provviżorja biex jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja tagħhom.
- (d) Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jistgħu jiddikjaraw l-inabbiltà provviżorja tad-detentur tal-liċenzja jekk isiru jafu b'xi dubju li jikkonċerna l-inabbiltà tad-detentur tal-liċenzja biex jeżerċita b'mod sikur il-privileġġi tal-liċenzja.
- (e) Il-fornituri tas-servizz tat-traffiku tal-ajru għandhom jiżviluppaw u jimplementaw proċeduri oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji biex jippermettu lid-detenturi tal-liċenzji msemmija fil-punt (c) jinnotifikaw l-inabbiltà provviżorja tagħhom, u biex jinformaw lill-awtorità kompetenti.
- (f) Il-proċeduri msemmija fil-punt (e) għandhom jiġu inklużi fl-iskema ta' kompetenza tal-unità f'konformità mal-punt ATCO.B.025(a)(14).”;

(2) Is-Sottoparti B hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt ATCO.B.001, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) L-applikanti għall-ħruġ ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

- (1) ikollhom tal-inqas 18-il sena;
- (2) fi żmien it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni, ikunu temmew b'suċċess it-taħriġ inizjali f'organizzazzjoni tat-taħriġ li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (il-Parti ATCO.OR) rilevanti għall-klassifikazzjoni, u jekk ikun applikabbli, għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, ikunu għaddew b'suċċess mill-eżamijiet u mill-valutazzjonijiet xierqa, u wrew il-kompetenza meħtieġa kif stabbilit fil-Parti ATCO, Sottoparti D, Sezzjoni 2;
- (3) ikollhom ċertifikat mediku validu;
- (4) ikunu wrew livell adegwat ta' kompetenza lingwistika f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt ATCO.B.030.”;

(b) fil-punt ATCO.B.005, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) L-applikanti għall-ewwel ħruġ ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

- (1) ikollhom liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru;
- (2) ikunu temmew kors ta' approvazzjoni tal-unità, ikunu għaddew b'suċċess mill-eżamijiet u mill-valutazzjonijiet xierqa, u jkunu wrew il-kompetenza meħtieġa kif stabbilit fil-Parti ATCO, is-Sottoparti D, Sezzjoni 3;
- (3) ikollhom ċertifikat mediku validu;
- (4) ikunu wrew livell adegwat ta' kompetenza lingwistika f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt ATCO.B.030.”;

(c) fil-punt ATCO.B.010, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) Id-detentur ta' klassifikazzjoni li jkun interrompa l-eżerċitar tal-privileġġi assoċjati ma' dik il-klassifikazzjoni għall-perjodu ta' 4 snin konsekuttivi jew aktar immedjatament preċedenti jista' jibda biss taħriġ fuq il-post tax-xogħol f'dik il-klassifikazzjoni:

- (1) jekk organizzazzjoni tat-taħriġ li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (il-Parti ATCO.OR) u ċċertifikata biex tippovdi taħriġ rilevanti għall-klassifikazzjoni, tkun wettqet valutazzjoni tal-kompetenza preċedenti dwar jekk id-detentur ta' klassifikazzjoni għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dik il-klassifikazzjoni, u;
- (2) wara li jissodisfa kwalunkwe rekwiżit ta' taħriġ li jirriżulta mill-valutazzjoni msemmija fil-punt (b)(1).”;

- (d) il-punt ATCO.B.020 huwa emendat kif ġej:
- (i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(b) L-applikanti għal approvazzjoni tal-unità għandhom ikunu temmew kors ta' approvazzjoni tal-unità, ikunu għaddew b'suċċess mill-eżamijiet u mill-valutazzjonijiet xierqa, u jkunu wrew il-kompetenza meħtieġa, kif stabbilit fil-Parti ATCO, Sottoparti D, Sezzjoni 3.”;
- (ii) fil-punt (i), il-frażi introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:
- “(i) L-approvazzjonijiet tal-unità għandhom jiġu rivalidati diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin.”;
- (iii) il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(j) Jekk l-approvazzjoni tal-unità tiġi rivalidata fil-perjodu ta' 3 xhur qabel id-data ta' skadenza tagħha, il-perjodu ta' validità l-ġdid għandu jingħadd minn dik id-data ta' skadenza”;
- (e) il-punt ATCO.B.025 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.B.025 Skema ta' kompetenza tal-unità

- (a) Għandha/Għandhom tiġi/jiġu stabbilita/i l-iskema/i ta' kompetenza tal-unità mill-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru u għandha/għandhom tiġi/jiġu approvata/i mill-awtorità kompetenti. Skema ta' kompetenza tal-unità għandha tinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:
- (1) lista ta' approvazzjoni(jiet) tal-unità u l-validità tagħhom f'konformità mal-punt ATCO.B.020(g);
 - (2) il-perjodu kontinwu massimu meta l-privileġġi tal-approvazzjoni tal-unità ma jiġux eżerċitati matul il-validità tagħha; dan il-perjodu ma għandux jaqbeż id-90 jum kalendarju;
 - (3) għall-fini taż-żamma tal-kompetenza, l-għadd minimu ta' sigħat li jeżerċitaw il-privileġġi tal-approvazzjoni tal-unità, jew, fil-każ tal-avviċinament b'radar ta' sorveljanza (SRA, Surveillance Radar Approach) u l-avviċinament b'radar ta' preċiżjoni (PAR, Precision Approach Radar), l-għadd minimu ta' avviċinamenti, għal perjodu ta' żmien preċedenti, li ma għandux jaqbeż it-12-il xahar; għall-għalliema ta' taħriġ fuq ix-xogħol li jeżerċitaw il-privileġġi tal-approvazzjoni tal-għalliem ta' taħriġ fuq ix-xogħol (OJTI, On-The-Job Training Instructor) il-ħin imqatta' jgħallmu għandu jingħadd sa massimu ta' 50 % tas-sigħat meħtieġa għar-rivalidazzjoni tal-approvazzjoni tal-unità;
 - (4) il-proċeduri għall-każijiet fejn id-detentur tal-liċenzja ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (a)(2) u (3);
 - (5) il-proċessi għall-valutazzjoni tal-kompetenza, inklużi l-kriterji ta' prestazzjoni definiti;
 - (6) il-proċessi għall-eżami tal-għarfien u l-fehim teoretiku meħtieġa biex jiġu eżerċitati l-privileġġi tal-klassifikazzjonijiet u tal-approvazzjonijiet;
 - (7) il-proċessi biex jiġu identifikati l-kontenut u l-metodi ta' taħriġ għat-taħriġ ta' kontinwazzjoni;
 - (8) id-durata minima u l-frekwenza tat-taħriġ ta' aġġornament;
 - (9) il-proċessi għall-eżami tal-għarfien teoretiku jew għall-valutazzjoni tal-ħiliet prattiċi rieżaminati, imsaħħa jew imtejba matul it-taħriġ ta' aġġornament f'konformità mal-punt ATCO.D.080(d);
 - (10) il-proċessi għall-eżami tal-għarfien teoretiku u l-valutazzjoni tal-ħiliet prattiċi miksuba matul it-taħriġ ta' konverżjoni f'konformità mal-punt ATCO.D.085;
 - (11) il-proċessi f'każ ta' nuqqas ta' suċċess f'eżami jew valutazzjoni, inkluż il-proċessi ta' appell;
 - (12) il-kwalifiki, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal tat-taħriġ;
 - (13) proċedura biex jiġi żgurat li l-għalliema tal-prattika jkunu pprattikaw tekniki struzzjonali bl-użu ta' proċeduri fejn hija pprovduta struzzjoni f'konformità mal-punt ATCO.C.010(b)(3) u mal-punt ATCO.C.030(d)(3);

- (14) il-proċeduri għad-dikjarazzjoni u għall-ġestjoni tal-każijiet ta' inabbiltà provviżorja biex jiġu eżerċitati l-privileġġi ta' liċenzja, kif ukoll biex tiġi infurmata l-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt ATCO.A.015(e);
- (15) l-identifikazzjoni tar-rekords li jridu jinżammu li huma speċifiċi għat-taħriġ ta' kontinwazzjoni, għall-valutazzjonijiet u għal kwalunkwe rekord ieħor pertinenti għall-proċessi ta' hawn fuq;
- (16) proċess u raġunijiet għar-rieżami u l-emenda tal-iskema ta' kompetenza tal-unità u s-sottomissjoni tagħha lill-awtorità kompetenti; ir-rieżami tal-iskema ta' kompetenza tal-unità għandu jsir mill-inqas kull 3 snin.
- (b) Sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżit stabbilit fil-punt (a)(3), il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom iżommu rekord tas-siġhat li matulhom kull detentur ta' liċenzja jeżerċita l-privileġġi tal-approvazzjoni tal-unità tiegħu jew tagħha li jaħdem/taħdem fis-setturi, jew fi grupp ta' setturi inkluż karigi ta' ħidma fl-unità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC, Air Traffic Control) u għandu jipprovdi dik id-data lill-awtoritajiet kompetenti u lid-detentur tal-liċenzja fuq talba.
- (c) Meta jiġu stabbiliti l-proċeduri msemmija fil-punti (a)(4) u (14), il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jiżguraw li jiġu applikati mekkaniżmi biex jiġi ggarantit it-trattament ġust tad-detenturi tal-liċenzji meta l-validità tal-approvazzjonijiet tagħhom ma tkunx tista' tiġi estiża.”;
- (f) fil-punt ATCO.B.030, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(d) Minkejja l-punt (c), il-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jista' jitlob għal livell oġhla (livell ħamsa) tal-iskala ta' klassifikazzjoni tal-kompetenza lingwistika stipulata fl-Appendiċi 1 tal-Anness I, fejn iċ-ċirkostanzi operazzjonali tal-klassifikazzjoni jew l-approvazzjoni partikolari jitolbu livell oġhla ta' kompetenza lingwistika għal raġunijiet imperattivi ta' sikurezza. Tali rekwiżit għandu jkun nondiskriminatorju, proporzjonat, trasparenti u ġġustifikat b'mod oġġettiv mill-fornitur ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru li jkun jixtieq japplika l-livell oġhla ta' kompetenza u għandu jiġi approvat mill-awtorità kompetenti.”;
- (g) fil-punt ATCO.B.035, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(c) L-approvazzjonijiet tal-kompetenza lingwistika għandhom jiġu rivalidati wara t-tlestija b'suċċess tal-ittestjar tal-kompetenza lingwistika li jseħħ fi żmien 3 xhur qabel id-data ta' skadenza tagħhom. F'każijiet bħal dawn, il-perjodu ta' validità l-ġdid għandu jibda jgħodd minn dik id-data ta' skadenza.”;
- (h) il-punt ATCO.B.040 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “ATCO.B.040 Ittestjar tal-kompetenza lingwistika**
- (a) It-turija ta' kompetenza lingwistika għandha ssir permezz ta' metodu ta' ttestjar approvat minn kwalunkwe awtorità kompetenti. Il-metodu ta' ttestjar għandu jkun fih dan kollu li ġej:
- (1) il-proċess li permezz tiegħu jsir l-ittestjar;
 - (2) il-kwalifika tal-persuni responsabbli għall-ittestjar tal-kompetenza lingwistika;
 - (3) il-proċedura ta' appell.
- (b) Il-korpi ta' ttestjar lingwistiku għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-punt ATCO.AR.A.010”.
- (i) fil-punt ATCO.B.045, il-frażi introduttorja tal-punt (a) hija sostitwita b'dan li ġej:
- “(a) Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jagħmlu disponibbli taħriġ fil-lingwa biex iżommu l-livell meħtieġ ta' kompetenza lingwistika tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru lil”:

(3) is-Sottoparti C hija emendata kif ġej:

(a) il-punt ATCO.C.001 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.001 Għalliema tat-teorija

- (a) Taħriġ teoretiku għandu jsir biss minn għalliema kkwalifikati b'mod xieraq.
- (b) Għalliem tat-teoretija huwa kkwalifikat b'mod xieraq jekk jissodisfa/tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (1) għandu/għandha kwalifika professjonali xierqa għas-suġġett li jkun qiegħed jiġi mgħallem jew ikun/tkun wera/uriet għarfien u esperjenza adegwati lill-organizzazzjoni tat-taħriġ;
 - (2) huwa jew hija jkun/tkun wera b'mod sodisfaċenti l-ħiliet fl-istruzzjoni lill-organizzazzjoni tat-taħriġ.”;

(ab) il-punt ATCO.C.005 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.005 Għalliema tal-prattika

- (a) Persuna għandha twestaq biss taħriġ Prattiku meta dik il-persuna jkollha liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru b'approvazzjoni ta' għalliem tat-taħriġ fuq ix-xogħol (OJTI) jew approvazzjoni ta' għalliem ta' apparat ta' taħriġ sintetiku (STDI, Synthetic Training Device Instructor).
 - (b) Minkejja l-punt (a), persuna tista' tkun awtorizzata tagħti struzzjoni dwar apparati ta' taħriġ sintetiku jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:
 - (1) dik il-persuna għandha jew kellha liċenzja militari nazzjonali ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru maħruġa minn Stat Membru, bi klassifikazzjoni u, jekk applikabbli, b'approvazzjoni tal-klassifikazzjoni li tikkorrispondi għal dik li għaliha dik il-persuna hija awtorizzata tagħti struzzjonijiet jew tivvaluta;
 - (2) dik il-persuna tkun uriet lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 6 li hija eżerċitat il-privileġġi tal-liċenzja militari nazzjonali msemmija fil-punt (b)(1) u tkun irċeviet taħriġ u għaddiet b'suċċess mill-valutazzjonijiet, kif meħtieġ mill-punt ATCO.C.035;
 - (3) dik il-persuna tkun uriet konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-Anness I (il-Parti ATCO) f'konformità mar-rapport ta' konverżjoni nazzjonali stabbilit mill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 8a.
 - (c) Il-privileġġi msemmija fil-punt (b) għandhom ikunu limitati għall-għoti ta' struzzjoni u ta' valutazzjoni dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-punt ATCO.C.030(a)(1) u għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mal-punt ATCO.C.040 għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru ċċertifikati biex jipprovdu taħriġ inizjali f'konformità ma' dan ir-Regolament.”;
- (b) il-punt ATCO.C.010 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.010 Privileġġi tal-għalliem ta' taħriġ fuq ix-xogħol (OJTI)

- (a) Id-detenturi ta' approvazzjoni OJTI huma awtorizzati biex jipprovdu taħriġ u superviżjoni Prattika fuq pożizzjonijiet ta' ħidma operazzjonali li għalihom għandhom approvazzjoni tal-unità valida u fuq apparat ta' taħriġ sintetiku fil-klassifikazzjonijiet li għandhom.
- (b) Id-detenturi ta' approvazzjoni OJTI huma awtorizzati wkoll li jwettqu valutazzjonijiet għall-fini ta' taħriġ bażiku, ta' qabel l-OJT, ta' kontinwazzjoni u ta' taħriġ Prattiku ta' aġġornament tal-għalliem.
- (c) Id-detenturi ta' approvazzjoni OJTI għandhom jeżerċitaw biss il-privileġġi tal-approvazzjoni jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (1) ikunu eżerċitaw għal tal-anqas sentejn il-privileġġi tal-klassifikazzjoni li se jgħallmu fiha;
 - (2) ikunu eżerċitaw għal perjodu immedjatament preċedenti ta' mill-anqas 6 xhur il-privileġġ tal-approvazzjoni tal-unità valida, fejn se tingħata struzzjoni;
 - (3) ikunu pprattikaw kompetenzi struzzjonali billi użaw dawk il-proċeduri li fihom ikun maħsub li jipprovdu struzzjoni, f'konformità mal-punt ATCO.B.025(a)(13).

- (d) Il-perjodu ta' sentejn imsemmi fil-punt (c)(1) jista' jitqassar għal mhux anqas minn sena mill-awtorità kompetenti meta mitlub mill-organizzazzjoni tat-taħriġ.”;
- (c) il-punt ATCO.C.015 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.015 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' għalliem tat-taħriġ fuq ix-xogħol

L-applikanti għall-ħruġ ta' approvazzjoni OJTI għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) ikollhom liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru b'approvazzjoni tal-unità valida;
- (b) ikunu eżerċitaw il-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur ta' traffiku tal-ajru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-applikazzjoni; dan il-perjodu jista' jitqassar għal mhux anqas minn sena mill-awtorità kompetenti meta mitlub mill-organizzazzjoni tat-taħriġ;
- (c) fi żmien it-12-il xahar qabel l-applikazzjoni, ikunu lestew kors tal-kompetenzi struzzjonali prattiċi, għaddew mill-valutazzjoni xierqa, u wrew il-kompetenza meħtieġa, kif stabbilit fil-Parti ATCO, Sottoparti D, Sezzjoni 5.”;
- (d) il-punt ATCO.C.020 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.020 Validità ta' approvazzjoni ta' għalliem għal taħriġ fuq ix-xogħol

- (a) L-approvazzjoni OJTI għandha tkun valida għal perjodu ta' 3 snin.
- (b) L-approvazzjoni OJTI tista' tiġi rivalidata bit-tlestija b'suċċess ta' kors ta' taħriġ ta' aġġornament dwar il-kompetenzi struzzjonali prattiċi matul il-validità tiegħu, inkluż valutazzjoni xierqa, diment li jiġi ssodisfat ir-rekwiżiti fil-punt ATCO.C.015(a).
- (c) Jekk l-approvazzjoni OJTI tkun skadjet, din tista' tiġġedded billi jitlesti kors ta' taħriġ ta' aġġornament dwar il-kompetenzi struzzjonali prattiċi fi żmien it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni għat-tiġdid, u billi l-persuna tgħaddi mill-valutazzjoni xierqa, diment li jiġi ssodisfat ir-rekwiżiti fil-punt ATCO.C.015(a).
- (d) Fil-każ tal-ewwel ħruġ u tiġdid, il-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni OJTI ma għandux jibda aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha tkun tlestiet il-valutazzjoni b'suċċess.
- (e) Jekk ir-rekwiżiti fil-punt ATCO.C.015(a) ma jiġix issodisfat, l-approvazzjoni OJTI tista' tiġi skambjata għal approvazzjoni STDI, diment li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti fil-punt ATCO.C.040(b) u (c).”;
- (e) fil-punt ATCO.C.025, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) Meta konformità mar-rekwiżiti previsti f'ATCO.C.010(b)(2) ma tkunx possibbli, l-awtorità kompetenti tista' tagħti awtorizzazzjoni OJTI temporanja abbażi ta' analiżi tas-sikurezza ppreżentata mill-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru, f'konformità mal-punt ATCO.B.020(c).”;

- (f) il-punt ATCO.C.030 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.030 Privileġġi ta' għalliem ta' apparat ta' taħriġ sintetiku (STDI)

- (a) Id-detenturi ta' approvazzjoni STDI għandhom ikunu awtorizzati jipprovdu taħriġ prattiku dwar apparati ta' taħriġ sintetiċi għal dawn kollha li ġejjin:
- (1) għal suġġetti ta' natura prattika matul it-taħriġ inizjali;
 - (2) għal taħriġ tal-unità minbarra l-OJT;
 - (3) għal taħriġ ta' kontinwazzjoni.
- (b) Id-detenturi ta' approvazzjoni STDI għandhom ikunu awtorizzati wkoll li jwettqu valutazzjonijiet għall-fini ta' taħriġ bażiku, pre-OJT, ta' kontinwazzjoni u ta' taħriġ prattiku ta' aġġornament tal-għalliem.
- (c) Meta l-STDI jipprovdi pre-OJT jew valutazzjoni matul pre-OJT, huwa/hija għandha/għandu tkun/ikun fil-pussess tal-approvazzjoni tal-unità rilevanti.

- (d) Id-detenturi ta' approvazzjoni STDI għandhom jeżerċitaw biss il-privileġġi tal-approvazzjoni jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (1) ikollhom mill-inqas sentejn esperjenza fil-klassifikazzjoni li se jgħallmu fiha;
 - (2) ikunu wrew għarfien tal-prattiki operazzjonali attwali;
 - (3) ikunu pprattikaw kompetenzi struzzjonali bl-użu ta' dawk il-proċeduri li fuqhom ikun se jingħata t-tagħlim.
- (e) Bħala eċċezzjoni għall-punt (d)(1), l-esperjenza ta' sentejn imsemmija fil-punt (d)(1) tista' titnaqqas għal mhux inqas minn sena mill-awtorità kompetenti meta tintalab mill-organizzazzjoni tat-taħriġ:
- (1) għall-finijiet ta' taħriġ bażiku, kwalunkwe klassifikazzjoni hija xierqa;
 - (2) għall-finijiet tat-taħriġ ta' klassifikazzjoni, jista' jingħata taħriġ għal kompiti operazzjonali speċifiċi u magħżula minn STDI li jkollu klassifikazzjoni li hija rilevanti għal dak il-kompitu operazzjonali speċifiku u magħżul.”;
- (g) il-punt ATCO.C.035 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.035 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' għalliem ta' apparat ta' taħriġ sintetiku

L-applikanti għall-ħruġ ta' approvazzjoni STDI għandhom jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikunu eżerċitaw il-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur ta' traffiku tal-ajru fi kwalunkwe klassifikazzjoni għal mill-inqas sentejn; dan il-perjodu jista' jitqassar għal mhux anqas minn sena mill-awtorità kompetenti meta mitlub mill-organizzazzjoni tat-taħriġ;
 - (b) fi żmien it-12-il xahar qabel l-applikazzjoni, ikunu lestew kors ta' kompetenzi struzzjonali prattiċi, għadew mill-valutazzjoni xierqa, u wrew il-kompetenza meħtieġa, kif stabbilit fil-Parti ATCO, Sottoparti D, Sezzjoni 5”;
- (h) il-punt ATCO.C.040 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.040 Validità ta' approvazzjoni ta' għalliem ta' apparat ta' taħriġ sintetiku

- (a) L-approvazzjoni STDI għandha tkun valida għal perjodu ta' 3 snin.
 - (b) L-approvazzjoni STDI tista' tiġi rivalidata billi jitlesti kors ta' taħriġ ta' aġġornament dwar il-kompetenzi struzzjonali prattiċi matul il-validità tiegħu, inkluża valutazzjoni xierqa. Għal STDIs li ma jkollhomx approvazzjoni tal-unità valida, għandu jiġi żgurat għarfien dwar il-prattiki operazzjonali attwali.
 - (c) Jekk l-approvazzjoni ta' STDI tkun skadiet, din tista' tiġġedded jekk, fi żmien it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni għat-tiġdid, id-detentur tal-approvazzjoni ta' STDI ikun issodisfa iż-żewġ rekwiżiti li ġejjin:
 - (1) ikun/tkun lesta/lestiet kors ta' taħriġ ta' aġġornament dwar il-kompetenzi struzzjonali prattiċi;
 - (2) ikun/tkun għadda/għaddiet mill-valutazzjoni xierqa.

Għall-finijiet tal-punt (1), fejn l-STDI ma jkollux approvazzjoni tal-unità valida, għandu jiġi żgurat l-għarfien dwar il-prattiki operazzjonali attwali.
 - (d) Fil-każ tal-ewwel ħruġ u tiġdid, il-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni ta' STDI ma għandux jibda aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha l-valutazzjoni tkun tlestiet b'suċċess.”;
- (i) il-punt ATCO.C.045 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.045 Privileġġi tal-assessuri

- (a) Id-detenturi ta' approvazzjoni ta' assessur għandhom ikunu awtorizzati jwettqu valutazzjonijiet:
 - (1) għall-ħruġ ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni u/jew ta' approvazzjoni tal-klassifikazzjoni ġdida, jekk ikun applikabbli;
 - (2) tal-kompetenza preċedenti għall-finijiet tal-punti ATCO.B.001(d), ATCO.B.005(e) u ATCO.B.010(b);

- (3) ta' studenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru għall-ħruġ ta' approvazzjoni tal-unità u approvazzjoni(jiet) ta' klassifikazzjoni, jekk ikun applikabbli;
 - (4) tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru għall-ħruġ ta' approvazzjoni tal-unità u ta' approvazzjoni(jiet) tal-klassifikazzjoni, jekk ikun applikabbli, kif ukoll għar-rivalidazzjoni u għat-tiġdid ta' approvazzjoni tal-unità;
 - (5) tal-applikanti tal-ġhalliema tal-prattika jew tal-applikanti tal-assessuri meta tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti fil-punt (c)(2), (3) u (4).
- (b) Id-detenturi ta' approvazzjoni ta' assessur għandhom jeżerċitaw il-privileġġi tal-approvazzjoni biss jekk jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
- (1) ikollhom tal-inqas sentejn esperjenza fil-klassifikazzjoni u fl-approvazzjoni(jiet) ta' klassifikazzjoni li se jivvalutaw;
 - (2) ikunu wrew għarfien tal-prattiki operazzjonali attwali.
- (c) Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b), id-detenturi ta' approvazzjoni ta' assessur għandhom jeżerċitaw biss il-privileġġi tal-approvazzjoni:
- (1) għal valutazzjonijiet li jwasslu għall-ħruġ, ir-rivalidazzjoni jew it-tiġdid ta' approvazzjoni tal-unità, jekk ikollhom ukoll l-approvazzjoni tal-unità assoċjata mal-valutazzjoni u jkunu eżerċitaw il-privileġġi ta' dik l-approvazzjoni għal perjodu immedjatament preċedenti ta' mill-inqas sena;
 - (2) għall-valutazzjoni tal-kompetenza ta' applikant għall-ħruġ, għar-rivalidazzjoni jew għat-tiġdid ta' approvazzjoni STDI jekk ikunu eżerċitaw il-privileġġi ta' approvazzjoni STDI jew OJTI għal mill-inqas 3 snin;
 - (3) għall-valutazzjoni tal-kompetenza ta' applikant għall-ħruġ, għar-rivalidazzjoni jew għat-tiġdid ta' approvazzjoni OJTI, jekk ikunu eżerċitaw il-privileġġi ta' approvazzjoni OJTI għal mill-inqas 3 snin;
 - (4) għall-valutazzjoni tal-kompetenza ta' applikant għall-ħruġ, għar-rivalidazzjoni jew għat-tiġdid ta' approvazzjoni ta' assessur, jekk ikunu eżerċitaw il-privileġġi tal-approvazzjoni ta' assessur għal mill-inqas 3 snin.
- (d) Meta ssir valutazzjoni għall-fini tal-ħruġ jew ta' tiġdid ta' approvazzjoni ta' unità, u għall-iżgurar tas-superviżjoni fuq il-pożizzjoni ta' ħidma operazzjonali, l-assessur għandu jkollu wkoll approvazzjoni bħala OJTI, jew għandu jkun hemm preżenti OJTI li jkollu l-approvazzjoni tal-unità valida assoċjata mal-valutazzjoni.”;
- (j) il-punt ATCO.C.055 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.055 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' assessur

L-applikanti għall-ħruġ ta' approvazzjoni ta' assessur għandhom jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikunu eżerċitaw il-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur ta' traffiku tal-ajru għal mill-inqas sentejn;
 - (b) fi żmien it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni, ikunu lestew kors ta' taħriġ tal-assessur, ikunu għaddew mill-valutazzjoni xierqa, u jkunu wrew il-kompetenza meħtieġa, kif stabbilit fil-Parti ATCO, Sottoparti D, Sezzjoni 5.”;
- (k) il-punt ATCO.C.060 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.060 Validità tal-approvazzjoni tal-assessur

- (a) L-approvazzjoni ta' assessur għandha tkun valida għal perjodu ta' 3 snin.
- (b) L-approvazzjoni tal-assessur tista' tiġi rivalidata billi jitlesta kors ta' taħriġ ta' aġġornament dwar il-kompetenzi ta' valutazzjoni matul il-validità tiegħu inkluża valutazzjoni xierqa. Madankollu, għall-assessuri li ma jkollhomx approvazzjoni valida tal-unità, għandu jiġi żgurat għarfien dwar il-prattiki operazzjonali attwali.
- (c) Jekk l-approvazzjoni tal-assessur tkun skadjet, din tista' tiġġedded, fi żmien it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni għal tiġdid, billi jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (1) it-tlestija ta' kors ta' taħriġ ta' aġġornament dwar il-kompetenzi ta' valutazzjoni;
 - (2) ikunu għaddew mill-valutazzjoni xierqa.

Għall-fini tal-punt (1), fejn l-assessur ma jkollux approvazzjoni valida tal-unità, għandu jiġi żgurat għarfien dwar il-prattiki operazzjonali attwali.

- (d) Fil-każ tal-ewwel ħruġ u tiġdid, il-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni ta' assessur ma għandux jibda aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha l-valutazzjoni tkun tlestiet b'suċċess.”;

- (l) il-punt ATCO.C.065 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.C.065 Awtorizzazzjoni ta' assessur temporanju

- (a) Meta r-rekwiżit previst fil-punt ATCO.C.045(d)(1) ma jkunx jista' jiġi ssodisfat, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lid-detenturi ta' approvazzjoni ta' assessur maħruġa f'konformità mal-punt ATCO.C.055 biex iwettqu l-valutazzjonijiet imsemmija fil-punti ATCO.C.045(b)(3) u (4) biex ikopru sitwazzjonijiet eċċezzjonali jew biex jiżguraw l-indipendenza tal-valutazzjoni, diment li d-detentur tal-approvazzjoni ta' assessur ikollu wkoll approvazzjoni tal-unità bil-klassifikazzjoni assoċjata u, jekk ikun applikabbli, approvazzjoni tal-klassifikazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni għall-perjodu preċedenti ta' mill-inqas sena.
- (b) Għall-finijiet li jiġu koperti sitwazzjonijiet eċċezzjonali, l-awtorizzazzjoni ta' assessur temporanju għandha tkun limitata għall-valutazzjonijiet meħtieġa biex ikopru sitwazzjonijiet eċċezzjonali u ma għandhiex taqbeż sena jew il-validità tal-approvazzjoni ta' assessur maħruġa f'konformità mal-punt ATCO.C.055, skont liema tiġi l-ewwel.
- (c) Għall-finijiet li tiġi żgurata l-indipendenza tal-valutazzjoni għal raġunijiet ta' natura rikorrenti, il-validità tal-awtorizzazzjoni ta' assessur temporanju għandha tiġi ddeterminata mill-awtorità kompetenti iżda ma għandhiex taqbeż il-validità tal-approvazzjoni ta' assessur maħruġa f'konformità mal-punt ATCO.C.055.
- (d) Għar-raġunijiet imsemmija fil-punti (b) u (c), l-awtorità kompetenti tista' tagħti awtorizzazzjoni temporanja ta' assessur abbażi ta' analiżi tas-sikurezza li għandha tiġi ppreżentata mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.”;

- (4) Is-Sottoparti D hija emendata kif ġej:

- (a) il-punt ATCO.D.001 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.D.001 Obiettivi ta' taħriġ ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru

It-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru għandu jkopri l-korsijiet teoretiċi, l-eżerċizzji prattiċi, inkluż is-simulazzjoni, u t-taħriġ fuq ix-xogħol meħtieġ kollha sabiex jinkisbu u jinżammu l-kompetenzi biex jingħataw servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru sikuri, b'ordni u fil-pront”;

- (b) jiddaħħal il-punt ATCO.D.003 li ġej:

“ATCO.D.003 Prinċipji ta' taħriġ u valutazzjoni bbażati fuq il-kompetenzi

- (a) L-organizzazzjonijiet ta' taħriġ għandhom isegwu l-prinċipji ta' taħriġ u ta' valutazzjoni bbażati fuq il-kompetenzi meta jiżviluppaw pjanijiet u korsijiet ta' taħriġ għat-tipi kollha ta' taħriġ.
- (b) Meta jiżviluppaw pjanijiet u korsijiet ta' taħriġ, l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ għandhom jiżguraw dan kollu li ġej:
- (1) li jkun hemm rabta espliċita bejn il-prestazzjoni u l-kompetenzi meħtieġa li jridu jiġu mħarrġa u vvalutati;
 - (2) li jkun hemm proċess biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-għalliema u l-assessuri li jivvaluta l-istess prestazzjoni bl-użu tal-istess mudell ta' kompetenza adattat;
 - (3) li l-valutazzjoni tal-kompetenzi tkun ibbażata fuq osservazzjonijiet multipli f'kuntesti multipli kkonfermati bir-rapport ta' valutazzjoni.
- (c) Biex jitqies b'hal kompetenti, individwu għandu juri prestazzjoni integrata tal-kompetenzi kollha definiti fil-mudell ta' kompetenza adattat rilevanti.”;

- (c) fil-punt ATCO.D.005(a), il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġejj:
- “(1) it-taħriġ inizjali, li jwassal għall-ħruġ ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni addizzjonali u, jekk ikun applikabbli, l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, li tipprovdi:
- (i) “taħriġ bażiku”: taħriġ teoretiku u Prattiku mfassal biex jagħti għarfien u kompetenzi fundamentali relatati mal-proċeduri operazzjonali bażiċi, u biex iħejji lill-istudent għat-taħriġ ta' klassifikazzjoni;
 - (ii) “taħriġ ta' klassifikazzjoni”: taħriġ teoretiku u Prattiku maħsub biex jagħti l-għarfien u kompetenzi relatati ma' klassifikazzjoni speċifika u, jekk ikun applikabbli, ma' approvazzjoni tal-klassifikazzjoni;”;

- (d) il-punt ATCO.D.010 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“ATCO.D.010 Kompożizzjoni tat-taħriġ inizjali

- (a) It-taħriġ inizjali, maħsub għal applikant għal liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni addizzjonali u/jew, jekk ikun applikabbli, ta' approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, għandu jikkonsisti minn taħriġ bażiku u minn taħriġ ta' klassifikazzjoni.

- (1) It-taħriġ bażiku għandu jinkludi s-suġġetti kollha li ġejjin:

SUĠĠETT 1: LIĠI TAL-AVJAZZJONI

SUĠĠETT 2: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

SUĠĠETT 3: METEOROLOĠIJA

SUĠĠETT 4: NAVIGAZZJONI

SUĠĠETT 5: INĠENJI TAL-AJRU

SUĠĠETT 6: FATTURI UMANI

SUĠĠETT 7: TAGĦMIR U SISTEMI

SUĠĠETT 8: AMBJENT PROFESSJONALI

- (2) It-taħriġ ta' klassifikazzjoni għandu jinkludi s-suġġetti kollha ta' mill-inqas waħda mill-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

- (i) Klassifikazzjoni ta' Kontroll tal-Ajru — (ADC, Aerodrome Control Rating)

SUĠĠETT 1: LIĠI TAL-AVJAZZJONI

SUĠĠETT 2: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

SUĠĠETT 3: METEOROLOĠIJA

SUĠĠETT 4: NAVIGAZZJONI

SUĠĠETT 5: INĠENJI TAL-AJRU

SUĠĠETT 6: FATTURI UMANI

SUĠĠETT 7: TAGĦMIR U SISTEMI

SUĠĠETT 8: AMBJENT PROFESSJONALI

SUĠĠETT 9: SITWAZZJONIJET ANORMALI U TA' EMERĠENZA

SUĠĠETT 10: AJRUDROMI

- (ii) Klassifikazzjoni Proċedurali tal-Kontroll tal-Avviċinament — (APP, Approach Control Procedural Rating)

SUĠĠETT 1: LIĠI TAL-AVJAZZJONI

SUĠĠETT 2: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

SUĠĠETT 3: METEOROLOĠIJA

- SUĠĠETT 4: NAVIGAZZJONI
- SUĠĠETT 5: INĠENJU TAL-AJRU
- SUĠĠETT 6: FATTURI UMANI
- SUĠĠETT 7: TAGĦMIR U SISTEMI
- SUĠĠETT 8: AMBJENT PROFESSJONALI
- SUĠĠETT 9: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA
- SUĠĠETT 10: AJRUDROMI
- (iii) Klassifikazzjoni Proċedurali tal-Kontroll taż-Żona — (ACP, Area Control Procedural Rating)
- SUĠĠETT 1: LIĠI TAL-AVJAZZJONI
- SUĠĠETT 2: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU
- SUĠĠETT 3: METEOROLOGĠJA
- SUĠĠETT 4: NAVIGAZZJONI
- SUĠĠETT 5: INĠENJU TAL-AJRU
- SUĠĠETT 6: FATTURI UMANI
- SUĠĠETT 7: TAGĦMIR U SISTEMI
- SUĠĠETT 8: AMBJENT PROFESSJONALI
- SUĠĠETT 9: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA
- (iv) Klassifikazzjoni tas-Sorveljanza tal-Kontroll tal-Avviċinament — (APS, Approach Control Surveillance Rating)
- SUĠĠETT 1: LIĠI TAL-AVJAZZJONI
- SUĠĠETT 2: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU
- SUĠĠETT 3: METEOROLOGĠJA
- SUĠĠETT 4: NAVIGAZZJONI
- SUĠĠETT 5: INĠENJU TAL-AJRU
- SUĠĠETT 6: FATTURI UMANI
- SUĠĠETT 7: TAGĦMIR U SISTEMI
- SUĠĠETT 8: AMBJENT PROFESSJONALI
- SUĠĠETT 9: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA
- SUĠĠETT 10: AJRUDROMI
- (v) Klassifikazzjoni tas-Sorveljanza tal-Kontroll taż-Żona — (ACS, Area Control Surveillance Rating)
- SUĠĠETT 1: LIĠI TAL-AVJAZZJONI
- SUĠĠETT 2: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU
- SUĠĠETT 3: METEOROLOGĠJA
- SUĠĠETT 4: NAVIGAZZJONI
- SUĠĠETT 5: INĠENJU TAL-AJRU
- SUĠĠETT 6: FATTURI UMANI

SUĠĠETT 7: TAGĦMIR U SISTEMI

SUĠĠETT 8: AMBJENT PROFESSJONALI

SUĠĠETT 9: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA

- (b) It-taħriġ maħsub għal klassifikazzjoni addizzjonali għandu jikkonsisti mis-suġġetti applikabbli għal mill-inqas waħda mill-klassifikazzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)(2).
- (c) It-taħriġ maħsub għar-riattivazzjoni ta' klassifikazzjoni wara valutazzjoni bla suċċess ta' kompetenza preċedenti f'konformità mal-punt ATCO.B.010(b) għandu jiffassal skont ir-riżultat ta' dik il-valutazzjoni.
- (d) It-taħriġ maħsub għal approvazzjoni tal-klassifikazzjoni għandu jikkonsisti minn suġġetti, temi u sottotemi żviluppati mill-organizzazzjoni tat-taħriġ u approvati bħala parti minn kors tat-taħriġ.
- (e) It-taħriġ bażiku u ta' klassifikazzjoni jista' jiġi kkomplementat b'suġġetti, b'temi u b'sottotemi li huma addizzjonali jew speċifiċi għall-blokk tal-isparju tal-ajru funzjonali (FAB, Functional Airspace Block) jew għall-ambjent nazzjonali.”;
- (e) fil-punt ATCO.D.015, il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“(g) proċessi għall-eżamijiet u l-valutazzjonijiet f'konformità mal-punti ATCO.D.025 u ATCO.D.035.”;
- (f) il-punt ATCO.D.025 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.D.025 Eżamijiet u valutazzjoni ta' taħriġ bażiku

- (a) Il-korsijiet ta' taħriġ bażiku għandhom jinkludu eżami(jiet) teoretiku/teoretiċi f'suġġetti elenkati fil-punt ATCO.D.010(a)(1) u valutazzjoni(jiet).
- (b) Għandu jingħata pass f'eżami(jiet) teoretiku/teoretiċi lil kandidat li jgħib minimu ta' 75 % tal-marki allokat għal dak l-eżami.
- (c) Bħala minimu, għandhom jiġu vvalutati l-kompetenzi li ġejjin:
 - (1) għarfien tas-sitwazzjoni: fehim tas-sitwazzjoni operazzjonali attwali u apprezzament ta' eventi futuri;
 - (2) ġestjoni tat-traffiku u tal-kapaċità: żamma ta' fluss tat-traffiku sikur u b'ordni;
 - (3) separazzjoni u risoluzzjoni tal-kunflitti: rispons għal kunflitti tat-traffiku potenzjali u ż-żamma ta' separazzjoni;
 - (4) komunikazzjoni: twettiq ta' komunikazzjoni b'mod effettiv;
 - (5) koordinazzjoni: applikazzjoni ta' koordinazzjoni bejn il-persunal f'pożizzjonijiet operazzjonali u ma' partijiet ikkonċernati affettwati oħrajn;
 - (6) awtoġestjoni: turija ta' attributi personali li jtejbu l-prestazzjoni;
 - (7) ħidma f'tim: kollaborazzjoni b'mod attiv għall-ilħuq ta' għan komuni.
- (d) Għandhom jitwettqu valutazzjoni(jiet) fuq ħarrieġ ta' parti mill-kompitu jew simulatur.
- (e) Għandu jingħata pass fil-valutazzjoni(jiet) lil applikant li konsistentement juri l-kompetenzi definiti fil-punt (c).”;
- (g) il-punt ATCO.D.030 jitħassar;
- (h) il-punt ATCO.D.035 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.D.035 Eżamijiet u valutazzjoni ta' taħriġ ta' klassifikazzjoni

- (a) Il-korsijiet ta' taħriġ ta' klassifikazzjoni għandhom jinkludu eżami(jiet) teoretiku/teoretiċi f'suġġetti elenkati fil-punt ATCO.D.010(a)(2) għal mill-inqas waħda mill-klassifikazzjonijiet u l-valutazzjoni(jiet).
- (b) Għandu jingħata pass f'eżami(jiet) teoretiku/teoretiċi lil kandidat li jgħib minimu ta' 75 % tal-marki allokat għal dak l-eżami.

- (c) Bħala minimu, għandhom jiġu vvalutati l-kompetenzi li ġejjin:
- (1) għarfien tas-sitwazzjoni: fehim tas-sitwazzjoni operazzjonali attwali u antiċipazzjoni ta' avvenimenti futuri;
 - (2) ġestjoni tat-traffiku u tal-kapaċità: żgurar ta' fluss tat-traffiku sikur, b'ordni u effiċjenti, u għoti ta' informazzjoni essenzjali dwar l-ambjent u sitwazzjonijiet potenzjalment perikolużi;
 - (3) separazzjoni u riżoluzzjoni tal-kunflitti: ġestjoni ta' kunflitti tat-traffiku potenzjali u ż-żamma tas-separazzjoni;
 - (4) komunikazzjoni: komunikazzjoni b'mod effettiv fis-sitwazzjonijiet operazzjonali kollha;
 - (5) koordinazzjoni: immaniġġar tal-koordinazzjoni bejn il-persunal f'pożizzjonijiet operazzjonali u ma' partijiet ikkonċernati affettwati oħrajn;
 - (6) ġestjoni ta' sitwazzjonijiet mhux ta' rutina: identifikazzjoni u reazzjoni għal sitwazzjonijiet anormali jew ta' emerġenza li jkollhom impatt fuq l-operazzjonijiet;
 - (7) soluzzjoni ta' problemi u teħid ta' deċiżjonijiet: sejbien u implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet għal theddid identifikat u għal stati mhux mixtieqa assoċjati;
 - (8) awtoġestjoni: turija ta' attributi personali li jtejbju l-prestazzjoni u jżommu involviment attiv fl-awtoapprendiment u l-awtożvilupp;
 - (9) immaniġġar tal-ammont tax-xogħol: użu tar-riżorsi disponibbli għall-prijoritizzazzjoni u twettiq ta' kompiti b'mod effiċjenti u f'waqtu;
 - (10) ħidma f'tim: kollaborazzjoni b'mod attiv għall-ilħuq ta' għan komuni.
- (d) Għandhom jitwettqu valutazzjoni(jiet) fuq simulatur.
- (e) Għandu jingħata pass fil-valutazzjoni(jiet) lil kandidat li juri b'mod konsistenti l-kompetenzi definiti fil-punt (c) għall-istandard ta' kompetenza u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-klassifikazzjoni li għandha tinkiseb.”;
- (i) il-punt ATCO.D.040 jitħassar;
- (j) jiddaħħal il-punt ATCO.D.043 li ġej:

“ATCO.D.043 Prinċipji ta' taħriġ u valutazzjoni bbażati fuq il-kompetenza għat-taħriġ tal-unità

Meta jiżviluppaw pjanijiet ta' taħriġ u korsijiet għal taħriġ tal-unità, l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ għandhom, minbarra r-rekwiżiti previsti fil-punt ATCO.D.003, jiżguraw dan kollu li ġej:

- (a) definizzjoni ċara tal-kompetenzi rilevanti;
 - (b) formulazzjoni tal-kompetenzi [b'mod] li jiżgura li dawn ikunu jistgħu jiġu mħarrġa, jiġu osservati u jiġu vvalutati b'mod konsistenti f'varjetà wiesgħa ta' kuntesti ta' xogħol;
 - (c) li jiġu stabbiliti kriterji ta' prestazzjoni ċari għall-valutazzjoni tal-kompetenza.”;
- (k) fil-punt ATCO.D.055(b), il-punt (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(4) il-proċess għat-tmexxija tal-kors(ijiet) ta' approvazzjoni tal-unità.”;
- (l) fil-punt ATCO.D.060, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(c) Il-korsijiet ta' approvazzjoni tal-unità għandhom jiddefinixxu s-subkategorija f'konformità mal-punt ATCO.D.045(c), mal-kriterji ta' prestazzjoni meħtieġa f'konformità mal-punt ATCO.D.043(c), u għandhom jitwettqu f'konformità mal-pjan ta' taħriġ tal-unità.”;
- (m) il-punt ATCO.D.070 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.D.070 Valutazzjonijiet matul il-korsijiet ta' approvazzjoni tal-unità

- (a) Il-valutazzjoni għandha titwettaq fl-ambjent operazzjonali f'kundizzjonijiet operazzjonali normali tal-anqas darba fi tmiem it-taħriġ fuq ix-xogħol.
- (b) Meta l-kors ta' approvazzjoni tal-unità jkun fil-fażi ta' taħriġ minn qabel fuq ix-xogħol, il-kompetenzi tal-kandidat għandhom jiġu vvalutati fuq apparat ta' taħriġ sintetiku tal-anqas fl-aħħar ta' din il-fażi.

(c) Minkejja l-punt (a), jistgħu jintużaw sessjonijiet ta' apparat ta' taħriġ sintetiku u intervisti orali biex jissupplimentaw il-valutazzjoni għat-turija tal-applikazzjoni ta' proċeduri ta' taħriġ li wieħed ma jiltaqax magħhom fl-ambjent operazzjonali matul il-valutazzjoni.”;

(n) il-punt ATCO.D.075 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.D.075 Taħriġ ta' kontinwazzjoni

Taħriġ ta' kontinwazzjoni għandu jikkonsisti minn korsijiet ta' taħriġ ta' aġġornament u, meta rilevanti, korsijiet ta' taħriġ ta' konverżjoni, u għandu jiġi pprovdut skont ir-rekwiżiti inklużi fl-iskema ta' kompetenza tal-unità msemmija fil-punt ATCO.B.025.”;

(o) il-punt ATCO.D.080 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(b) Għandu jiġi ddisinjat taħriġ ta' aġġornament biex jirrieżamina, isaħħaħ jew itejjeb l-għarfien u l-kompetenzi eżistenti tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru biex jipprovdi fluss sikur, b'ordni u veloċità ta' traffiku tal-ajru u għandu jkun fih tal-anqas dan li ġej:

(1) taħriġ ta'prattiki u ta' proċeduri standard, permezz ta' frażjologġija approvata u komunikazzjoni effikaċi;

(2) taħriġ f'sitwazzjonijiet anormali u ta' emerġenza, permezz ta' frażjologġija approvata u komunikazzjoni effikaċi; u

(3) taħriġ ta' fatturi umani.

(c) Għandu jiġi definit sillabu għall-kors(ijiet) ta' taħriġ ta' aġġornament u fejn il-kors(ijiet) jaġġorna(w) il-kompetenzi speċifiċi tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, għandhom jintgħażlu l-imġibiet osservabbli xierqa mill-mudell ta' kompetenza adattat.”;

(b) jiżdied il-punt (d) li ġej:

“(d) Taħriġ ta' aġġornament għandu jinkludi eżamijiet jew valutazzjonijiet bl-użu tal-proċessi deskritti fl-iskema ta' kompetenza tal-unità.”;

(p) il-punt ATCO.D.085 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.D.085 Taħriġ ta' konverżjoni

(a) Għandhom jiġu żviluppati kors(ijiet) ta' taħriġ ta' konverżjoni u għandhom jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ u approvati mill-awtorità kompetenti.

(b) Il-kors(ijiet) tat-taħriġ ta' konverżjoni għandhom ikunu ddisinjati biex jipprovdu għarfien u ħliet xierqa għal bidla fl-ambjent operazzjonali u għandhom jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ meta l-valutazzjoni tas-sikurezza tal-bidla tidentifika l-ħtieġa ta' tali taħriġ.

(c) Il-kors(ijiet) ta' taħriġ ta' konverżjoni għandhom jinkludu d-determinazzjoni ta' dawn it-tnejn li ġejjin:

(1) il-metodu ta' taħriġ xieraq għal, u d-durata tal-kors, filwaqt li jitqiesu n-natura u l-estent tal-bidla;

(2) il-metodi ta' eżami jew valutazzjoni għat-taħriġ ta' konverżjoni.

(d) Meta bidla fis-sistema funzjonali twassal għall-introduzzjoni ta' approvazzjoni tal-unità, hija meħtieġa valutazzjoni li tippermetti l-ħruġ tal-approvazzjoni tal-unità l-ġdida.

(e) Għandu jiġi pprovdut taħriġ ta' konverżjoni qabel ma l-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja tagħhom fl-ambjent operazzjonali mibdul.”;

(q) jiddaħħal il-punt ATCO.D.087 li ġej:

“ATCO.D.087 Prinċipji għat-taħriġ u għall-valutazzjoni bbażati fuq il-kompetenza għall-ġħalliema u l-assessuri tal-prattika

(a) It-taħriġ għall-ġħalliema u l-assessuri tal-prattika f'ambjent ibbażat fuq il-kompetenza għandu jiżgura li huma:

- (1) jifhmu bis-sħiħ il-prinċipji tat-taħriġ u l-valutazzjoni bbażati fuq il-kompetenza;
- (2) ikollhom għarfien dettaljat tal-mudell ta' kompetenza adattat u tal-proċessi għall-valutazzjoni tal-kompetenza.

(b) F'ambjent ibbażat fuq il-kompetenza, għalliem tal-prattika għandu:

- (1) jagħti struzzjonijiet abbażi tal-pjan ta' taħriġ u l-materjali ta' taħriġ assoċjati;
- (2) jifhem il-merti tal-prestazzjoni tal-apprendisti u jipprovdi feedback f'waqtu u kontinwu dwar dan;
- (3) juża l-mudell ta' kompetenza adattat biex jiddijanostika l-kawża/kawżi ewlenija/ewlenin tad-diffikultajiet fil-prestazzjoni;
- (4) jirrikonoxxi l-isfidi assoċjati mal-istruzzjoni u mad-dijanjożi tan-nuqqasijiet fil-proċessi konjittivi;
- (5) jimmaniġġa kwistjonijiet relatati mal-attitudni billi jiżgura attitudni pożittiva u professjonali.

(c) F'ambjent ibbażat fuq il-kompetenza, assessur għandu:

- (1) jiġbor evidenza tal-prestazzjoni kompetenti permezz ta' osservazzjonijiet prattiċi (u kwalunkwe intervista assoċjata);
- (2) janalizza l-evidenza kollha biex jiddetermina jekk il-prestazzjoni tal-apprendisti turix li jkunu kisbu jew żammew il-kompetenzi dettaljati fil-mudell ta' kompetenza adattat;
- (3) ikun kapaċi jivvaluta prestazzjoni integrata u, fl-istess ħin, jevalwa l-prestazzjoni ta' kompetenzi separati;
- (4) iwettaq valutazzjoni(jiet) billi jiġbor evidenza tal-prestazzjoni kompetenti;
- (5) jiġbor informazzjoni għall-apprendisti b'mod li jgħin fil-progress tagħhom.”;

(r) il-punt ATCO.D.090 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.D.090 Taħriġ ta' ġħalliema tal-prattika

(a) Għandu jiġi żviluppat taħriġ ta' ġħalliema tal-prattika u dan għandu jiġu pprovdut minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ u għandu jikkonsisti minn dan li ġej:

- (1) kors ta' kompetenzi struzzjonali prattiċi għal OJTI u għal STDI;
- (2) kors ta' taħriġ ta' aġġornament dwar kompetenzi struzzjonali prattiċi;
- (3) metodu/metodi għall-valutazzjoni tal-kompetenza ta' ġħalliema tal-prattika.

(b) Il-korsijiet ta' taħriġ u l-metodu/i ta' valutazzjoni msemmija fil-punt (a) għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti.”;

- (s) il-punt ATCO.D.095 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ATCO.D.095 Taħriġ ta’ assessuri

- (a) Għandu jiġi żviluppat u jiġi pprovdut it-taħriġ ta’ assessuri minn organizzazzjonijiet ta’ taħriġ u dan għandu jikkonsisti minn:
- (1) kors ta’ taħriġ ta’ assessuri;
 - (2) kors ta’ taħriġ ta’ aġġornament dwar il-kompetenzi ta’ valutazzjoni;
 - (3) metodu/metodi għall-valutazzjoni tal-kompetenza tal-assessuri.
- (b) Il-korsijiet ta’ taħriġ u l-metodu/i ta’ valutazzjoni msemmija fil-punt (a) għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti.”.
-

ANNEX II

L-Anness II (il-Parti ATCO.AR) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 huwa emendat kif ġej:

- (1) fis-Sottoparti A, il-punt ATCO.AR.A.010, jiddaħħal il-punt (ca) li ġej:
“(ca) il-ħruġ, ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet STDI f'konformità mal-punt ATCO.C.005(b) u (c);”;
- (2) fis-Sottoparti D, il-punt ATCO.AR.D.001(a), jiddaħħal il-punt (1a) li ġej:
“(1a) il-ħruġ, ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet STDI f'konformità mal-punt ATCO.C.005(b) u (c);”;
- (3) fis-Sottoparti D, il-punt ATCO.AR.D.005, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“(d) F'każijiet ta' sospensjoni jew revoka ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika bil-miktub lid-detentur tal-liċenzja u lill-fornitur rilevanti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru b'din id-deċiżjoni, u għandha tinforma lid-detentur tal-liċenzja bid-dritt ta' appell tiegħu f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-punt ATCO.AR.A.010.”.

ANNEX III

L-Anness III (il-Parti ATCO.OR) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 huwa emendat kif ġej:

- (1) fis-Sottoparti B, il-punt ATCO.OR.B.001, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “(c) Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tinkludi dan li ġej:
 - (1) l-isem u l-indirizz tal-applikant;
 - (2) l-indirizz(i) tal-post(ijiet) ta' operat (inkluż, fejn ikun rilevanti, il-lista ta' unitajiet ATC) jekk ikunu differenti mill-indirizz tal-applikant fil-punt (1);
 - (3) l-ismijiet, id-dmirijiet u l-kwalifiki ta':
 - (i) il-maniġer responsabbli;
 - (ii) il-kap tal-organizzazzjoni tat-taħriġ, jekk ikun differenti mill-punt (i);
 - (3a) id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna/i nominata/i mill-organizzazzjoni tat-taħriġ bħala l-punt(i) fokali għall-komunikazzjoni mal-awtorità kompetenti;
 - (4) id-data tal-bidu maħsub tal-attività jew tal-bidla;
 - (5) lista tat-tipi ta' taħriġ li għandhom jiġu pprovduti u mill-inqas kors tat-taħriġ wieħed minn kull tip ta' taħriġ li huwa maħsub li jiġi pprovdut;
 - (5a) deskrizzjoni tal-faċilitajiet u tat-tagħmir;
 - (6) id-dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli li għandha tiġi ffirmata mill-maniġer responsabbli, li tiddikjara l-konformità tal-organizzazzjoni tat-taħriġ mar-rekwiżiti fi kwalunkwe waqt;
 - (7) il-proċessi tas-sistema ta' ġestjoni; u
 - (8) id-data tal-applikazzjoni.”;
- (2) fis-Sottoparti B, il-punt ATCO.OR.B.015, il-frażi introduttorja tal-punt (a) hija sostitwita b'dan li ġej:
 - “(a) Il-bidliet li ġejjin għandhom jirrikjedu approvazzjoni minn qabel l-implimentazzjoni tagħhom, dment li ma jiġux notifikati u ġestiti f'konformità ma' proċedura approvata mill-awtorità kompetenti kif stabbilit fil-punt ATCO.AR.E.010(c).”;
- (3) fis-Sottoparti C, il-punt ATCO.OR.C.015, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “(b) L-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tiżgura li l-apparat ta' taħriġ sintetiku jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet u mar-rekwiżiti applikabbli xierqa għat-tip ta' taħriġ ipprovdut rilevanti għall-klassifikazzjoni u għall-approvazzjoni, u li jkun approvat mill-awtorità kompetenti.”;
- (4) fis-Sottoparti D, il-punt ATCO.OR.D.001, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “(c) metodi ta' valutazzjoni u eżami.”.